**IL-MALTI**

QARI LI TOHROĠ
L-AKKDEMJA TAL-MALTI

DIĊEMBRU
1975

## EDITORJAL:

# IL-FUTUR TAL-AKKADEMJA

*Hu prinċipju magħruf u li ma tistax tiċħdu li għaqda jew tikber jew tmut. Għaqda li trid tibqa' ħajja, trid tibqa' ħajja fil-membri tagħha. Jekk il-membri jmutu bla ma jieħdu posthom oħrajn, l-għaqda tmut. L-istess jekk il-membri jitilfu l-interess fil-għaqda, l-għaqda tnin u tmut. Illum l-Akkademja tgħodd mal-95 membru. Xi wħud għad fadlilhom interess, oħrajn le. Dan jeħtieġ li jingħadd bla ma nistaħbew wara subgħajna.*

*F'editorjal ieħor aċċennajna għall-ħtieġa li l-Kunsill jieħu ħsieb ilaqqa' l-membri flimkien mhux biss għall-elezzjoni ta' darba kull sentejn imma għal laqgħat soċjali u akkademiċi li jġibuhom flimkien ħa jitħaddtu flimkien, jaqsmu l-ħsibijiet flimkien u juru interess fil-Għaqda. L-Akkademja ma tistax tibqa' ħajja għax il-Kunsill għadu jiltaqa' u juri sinjali ta' ħajja. L-Akkademja hija l-membri, hija l-attività tagħhom bħala għaqda. Ma jistax ikollok membri mejta u Kunsill ħaj għax qiesek għandek ġisem mifluġ u bla saħħa b'ruħ li għadha tferfer tistenna l-aħħar nifs.*

*Minn hawn il-ħtieġa li jiltaqgħu l-membri akkademiċi flimkien ta' spiss ħa juru sinjal ta' ħajja, ħa jieħdu n-nifs u jagħtuh lill-Kunsill. Jeħtieġ li jitfassal programm ta' ħajja, fini ta' eżistenza, mezzi ta' sustentament, amor proprju fl-eżistenza u interess ġenwin fil-ħajja tal-Akkademja u l-ħajja ta' madwarha bil-problemi tagħha. Hemm ħafna problemi ferm serji li l-Akkademja jmissha tieħu ħsieb u tieħu ħsieb bis-serjetà sakemm issolvihom u ssolvihom b'suċċess għax imissu wieħed mill-għanijiet li għalih twaqqfet u qed teżisti. Ma nistgħux inħallu taħwid jikber fl-ortografija, prostrazzjoni umiljanti ta' vokabularju u sintassi bla ma nagħtu direzzjoni. It-tfarrik b'mod aċċellerat u kważi sistematiku fuq il-ġurnali u l-mezzi ta' komunikazzjoni tar-*

*radju u tat-televiżjoni qed iqallbu r-ruħ tal-Ilsien Malti minn għeruqha. Tgergir ilu jsir, suġġerimenti saru anki waqt seminar u l-prattika baqgħet teorija.*

*Jekk jeħtieġ, issir tibdila sħiħa anki radikali fl-Istatut, jitwarrbu xkilijiet u jiżdiedu għanijiet u meżżi. Organiżmu li ma jitbiddilx u jadatta ruħu maż-żminijiet jispiċċa biex jibbies u jitlef il-mobilità tiegħu, l-aktar fir-ritmu mgħaġġel tal-ħajja mqallba li qed ngħixu. Il-progress ma jistax jieqaf jistenna li wieħed isib iż-żmien.*

*U għalhekk ma tistax ikollok membri fil-Kunsill li jkunu mgħobbija u mxekkla b'elf ħaġa oħra li tnaqqsilhom u ttellifhom mill-ħeġġa meħtieġa fil-Kunsill, ma jistax ikollok membri b'interessi konfliġġenti, ma jistax ikollok membri għall-unur, membri għar-rispett, membri għax ...... u membri għax ...... Il-membri tal-Kunsill u l-Istatut jew ser ikunu ta' sfida għal min raqad u għeja jew ser ikunu sodda xaħxieħa għal min irid jistrieħ u jitpaħpaħ.*

*Waslet elezzjoni oħra tal-Kunsill u jeħtieġ li l-membri kollha jintebħu bid-dmir tagħhom li jagħtu ħajja lill-għaqda ta' bejnietna. Jeħtieġ li għaliha jattendu kollha anki b'sagrifiċċju. Min għejja, min xaba', min tilef l-interess għandu jistqarr ċar u tond qabel l-elezzjoni ħalli wieħed ikun jaf fejn hu u fejn mhux, min hu membru u min hu numru biss.*

*Qed ngħidu dan mhux b'sens ta' kritika, imma b'sens ta' dmir qawwi lejn l-Akkademja, qed ngħiduh għall ġieħ tagħha u ta' Lsien art twelidna. Ma tistax tagħmel elezzjoni b'erba' membri jiġru li minnhom trid ittella' Kunsill. Ma tistax ikollok Akkademja li l-membri ma jattendux għall-elezzjoni. Nixtiequ naraw lill-Akkademja fil-milja ta' rġulitha, kollha ħajja, kollha maturità u attività. Hu żmien ta' rifles-sjoni, żmien ta' eżami, żmien ta' tiġdid li jeħtieġ li nħejju għalih.*

*Nitolbu suġġerimenti, nitolbu pariri, ideat u fuq kollox interess ġenwin. Jew il-membri jqumu jew imutu; l-Akkademja trid tibqa' ħajja b'membri ħajjin. Hekk jitlob l-unur, hekk jitlob id-dmir tal-membri, hekk jitlob il-ġieħ tal-kawża tagħna. U aħna konvinti li dan iseħħ. Il-motto tagħna għas-snin li ġejjin irridu li jkun: AKKADEMJA ĦAJJA B'MEMBRI ĦAJJIN.*